# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 1 ta' Diċembru, 2022**

**Numru**

**Rikors Numru 134/2022 TA**

**Adrian Borġ (K.I. Nru. 403445(M)), u**
**Dolores sive Doreen Borġ (K.I. Nru. 391460(M))**

**vs**

**Carmelo Bonello (K.I. Nru. 482646(M))**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors ta' Adrian Borġ u oħrajn (l-Atturi) tas-16 ta' Frar 2022 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

**1.** ''L-esponenti huma ko-possessuri flimkien mal-intimat, tal-partijiet komuni tal-blokk appartamenti numru 90, 'Maryanne Court', Triq Santa Margerita, San Gwann.

**2.** Fit-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019), l-intimat installa pipe tal-ilma mmuntat mal-ħajt tal-partijiet komuni u cable tal-elettriku li jgħaddi mill-istess partijiet komuni tal-imsemmija blokk appartamenti.

**3.** Apparti li l-intimat installa dan il-pipe u cable mingħajr il-kunsens tal-esponenti fil-partijiet komuni fil-blokk appartamenti bin-numru 90, 'Maryanne Court, Triq Santa Margerita, San Gwann, l-intimat għamel dawn l-installazzjonijiet kontra r-Regolamenti tas-Saħħa u Sigurtà fil-Kostruzzjoni; u dan skond ir-rapport tal-Perit

Godwin P. Abela datat - għaxra (10) ta' Gunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) (Dok. 'A').

**4.** Permezz ta' dawn l-xogħolijiet li l-intimat wettaq, il-parti komuni tal-blokka appartamenti fuq imsemmija hija preżentament fi stat perikolu u ta' preġudizzju mhux biss għar-rikorrenti iżda anke għall ko-possessuri l-oħrajn.

**Raġuni tat-Talba:**

Għaldaqstant kellhom jiġu istitwiti dawn il-proċeduri.

**Talbiet:**

**Jgħid għalhekk l-intimat, 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni u/jew ordni meqjusa neċessarja u opportuna:**

**1.** Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenut abbużivament u illegalment wettaq xogħol kontra l-volontà tal-esponenti ko-possessuri tal-partijiet komuni tal-blokka appartamenti numru 90, 'Maryanne Court', Triq Santa Margerita, San Gwann;

**2.** Tiddikjara li tali xogħol li sar mill-intimat ma kienx skond ir-regoli tas-Saħħa u Sigurta;

**3.** Tikkundanna lill-intimat sabiex fi żmien qasir u perentorju jirrintegra lura l-istat tal-partijiet komuni tal-blokk appartamenti numru 90, ''Maryanne Court, Triq Santa Margerita, San Gwann, u dan sabiex din l-istess parti tal-propjetá terġa tiġi ritornata għall-istat li kienet fiħ qabel ma saru dawn ix-xogħolijiet, u dan a spejjeż tiegħu.

**4.** Alternattivament, tawtoriżża lill-esponenti jwettqu dawn ix-xogħolijiet a spejjeż tal-intimat u taħt id-direzzjoni tal-perit arkitett hekk nominat;

Bl-ispejjeż kollha jmorru kontra l-intimat, li jinsab minn issa inġunt għas-subizzjoni, u b'riserva ulterjuri ta' kull azzjoni spettanti lill-esponenti''.

Rat ir-risposta ta' Carmel Bonello (il-konvenut) tas-26 ta' April 2022 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

i. ''Illi preliminarjament din il-kawża hija irrita u nulla stante illi tikkonċerna drittijiet naxxenti minn partijiet komuni ossia ta' condominium u għalhekk ai termini tal-Artikolu 26 u 30 tal-Kap. 398 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk din il-Qorti m'għandhiex kompetenza dwar li tintervjeni f'dak kollu li għandu jiġi deċiż f'din il-vertenza mill-Arbitraġġ, u għalhekk l-intimati għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

ii. Illi bla preġudizzju għall-premess, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, b'digriet tagħha tat-23 ta' April 2019 fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni nru. 405/2019 JZM fl-ismijiet Dolores Borġ et vs Carmel Bonello, ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti odjerni, kif jirriżulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok. CB1.

iii. Illi ai termini tal-Artikolu 491 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, kull komproprjetarju jista' jinqeda bi ħwejjeġ in komuni basta li jinqeda bil-ħaġa skond id-destinazzjoni tagħha, kif stabbilita bl-użu, u li ma jinqediex bil-ħaġa kontra l-

interess tal-komunjoni jew b'mod li ma jħallix lill-komproprjetarji l-oħra jinqdew biha in komun skond il-jeddijiet tagħhom.

iv. Illi huwa insitu illi blokk ta' appartamenti illi fil-partijiet komuni skond id-destinazzjoni tagħhom u skond kif stabbilit mill-użu, jgħaddu servizzi komuni bħal dawl, ilma u bżonnijiet oħra, kif wieħed jkun jista' jgawdi ħwejġu bl-aħjar mod.

v. Illi dawn m'għandhomx jgħaddu minn proprjeta ta' terzi u l-intimat mhux qed jinqeda bil-ħaġa kontra l-interess tal-komunjoni u l-azzjoni tar-rikorrenti li jittentaw li ma jħallux lill-intimat jgawdi l-proprjeta tiegħu tmur kontra d-dettami tal-Liġi li komproprjetarju ma jistax ma jħallix lill-intimat jinqeda bil-partijiet komuni skond il-jeddijiet tiegħu, ossia li jgħaddi l-cables tad-dawl u ilma skond il-Liġi.

vi. Illi l-intimat ma jistax jgħaddi dawn il-wires mill-garaxx sottostanti l-istess blokka għax din hija mikrija lil-Wembley Motors Limited li d-diretturi tagħha huma terzi u l-intimat m'għandu xejn x'jaqsam magħha''.

Rat l-Atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-verbal tat-18 ta' Mejju 2022 li permezz tiegħu l-partijiet qablu li din il-Qorti għandha qabel kollox tiddeċiedi l-ewwel eċċezzjoni:

Qrat in-noti ta' osservazzjoni tal-partijiet.

Rat li l-Kawża tħalliet għall-lum dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut:

**<u>Punti ta' fatti:</u>**

Il-partijiet kollha għall-Kawża huma ko-possesuri tal-partijiet tal-blokk ta' appartamenti numru 90, "Maryanne Court", Triq Santa Margerita, San Gwann.

Il-Qorti tifhem li l-partijiet huma wkoll propjetarji tal-appartamenti rispettivi tagħhom u konsegwentement ko-propjetarji tal-partijiet komuni. Li ma kienx hekk, il-konvenut ma kienx jinvoka l-Kap 398 tal-liġijiet ta' Malta għaliex din il-

liġi tippresupponi li jesisti stat ta' kommunjoni u dan jista' jkun biss, jekk kull kondomini għandu fil-fatt parti indiviż mill-partijiet komuni.

L-Atturi qed isostnu li l-konvenut installa pipe tal-ilma mmuntat mal-ħajt tal-partijiet komuni u kif ukoll cable tal-elettriku. Dawn jgħaddu mill-partijiet komuni.

L-Atturi jargumentaw fost oħrajn li l-konvenut wettaq dan ix-xogħol mingħajr il-kunsens tagħhom u anke kontra r-regolamenti tas-Saħħa u Sigurta'. In sostenn ta' dawn l-ilmenti l-Atturi preżentaw rapport tal-Perit Godwin Abela (Dok A anness mar-rikors ġuramentat).

Għalhekk saret il-Kawża odjerna.

**Punti ta' liġi:**

Kif ingħad aktar 'l fuq, din il-Qorti ser tgħaddi biex tiddeċiedi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut li tgħid hekk:

"*Illi preliminarjament din il-Kawza hija irrita u nulla stante illi tikkoncerna drittijiet naxxenti minn partijiet komuni ossia condominium u ghalhekk ai termini tal-artikolu 26 u 30 tal-Kap 398 tal-ligijiet ta' Malta u ghalhekk din il-Qorti m'ghandiex kompetenza dwar li tintervjeni f'dak kollu li ghandu jigi deciz f'din il-vertenza mill-Arbitragg, u ghalhekk l-intimati ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju.*"

B'din l-eċċezzjoni, kif diġa' aċċennat, il-Konvenut qiegħed jirrikonoxxi li apparti li l-Atturi huma ko-possessuri huma wkoll ko-propjetarji. Li kieku ma kienx hekk

kien jeċċepixxi li l-Atturi ma għandhomx interess ġuridiku biex jippromwovu din il-Kawża.

Il-Qorti jeħtiġielha tiddentifika x-xorta ta' azzjoni li qed tkun esperita mill-Atturi. F'dan ir-rigward issir referenza għas-Sentenza fil-**Qorti tal-Appell fl-ismijiet, it-tabib John Cassar et vs Olivier Ruġġier mogħtija fis-26 ta' Marzu 2010**, fejn intqal li "*fil-konsiderazzjoni tat-talbiet il-Qorti ma ghandhiex thares biss lejn it-talbiet izda lejn ic-citazzjoni kollha kemm hi, u cioe` anke dak li jinghad fil-premessi, billi mill-qari ta' dak kollu li jinghad qabel ma jsiru t-talbiet tista' tohrog cara l-intenzjoni u l-iskop tal-kawza*."

Mir-rikors ġuramentat jirrisulta, li l-Atturi ma jridux li proprjeta' li għandhom sehem indiviż minnha, tkun mgħobbija mill-piż ta' mogħdija ta' pajpijiet tal-ilma u cables tad-dawl. Dak li qiegħdin jitolbu l-Atturi għandu xebħ mal-azzjoni *servitutis negatorja*. L-emfażi ta' din il-Qorti hija fuq il-kelma xebħ. **Francesco Riċċi fl-opera tiegħu "Corso Teorico-Pratico di Diritto Civilie (Torino ed. 1886 vol. II # 473)** jispjega hekk :

"*L'azione negatoria, come indica lo stesso nome, tende a far riconoscere la liberta' del fondo, ed escludere percio' la servitu' che altri pretenda di esercitare sul medesimo. Devesi proporre dal proprietario del fondo, che vuolsi far dichiarare libero, contro il proprietario del fondo, a cui profitto si pretende esercitare la servitu'* …"

Dan it-tagħlim huwa ukoll konformi mal-ermenautika ġurisprudenzjali lokali fejn intqal li l-għan waħdieni ta' l-azzjoni negatorja huwa li tinkiseb dikjarazzjoni li l-

ġid ta' l-attur mhux soġġett għal servitu` favur il-ġid ta' ħaddieħor, u li jitneħħa dak kollu li jxejjen l-istat ta' tgawdija ħielsa minn kull servitu` (Ara **Sentenza fl-ismijiet Rosario Schembri et -vs- John Demanuele .PA. tas-27 ta' Mejju 2004** u kif ukoll il-**Qorti tal-Appell fl-10 ta' Lulju, 2009 Appell fl-ismijiet Anna Maria Debarro -vs- Carmelo Caruana et**).

Li ma kienx għall-fatt li llum jeżisti l-Kap 398 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti ma kienx ikollha diffikulta' li l-azzjoni hija dik negatorja fis-sens ġuridiku tagħha. Imma fid-dawl tal-imsemmi Kap tal-liġijiet ta' Malta hemm ċertu konsiderazzjoni-jiet ta' natura legali li jinsorġu mill-imsemmija liġi.

<u>**Konsiderazzjonijiet:**</u>

Il-Qorti kif presjeduta tibda biex tirrileva, li diġa' kellha okkażżjoni li tippronunza ruħha fuq il-kwistjoni legali simili imma mhux l-istess u għalhekk tagħmel refer-enza għas-**Sentenza parzjali tat-23 ta' Novembru 2020 fl-ismijiet Malcolm u Diane Debono et Austin Demajo -vs- Mark Borda u GENCO, General Com-mercial Ltd.**

Għalkemm f'din l-aħħar kawża, l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti kienet fis-sens, li l-Atturi ma kellhomx interess ġuridiku stante li l-pretensjonijiet u talbiet tagħhom kellhom jiġu indirizzati bil-mod li jitlob il-Kap 398 tal-liġijiet ta' Malta. Pero' il-konsiderazzjonijiet huma pariment applikabbli għall-eċċezzjoni kif mogħtija mill-konvenut f'din il-Kawża għalkemm mhux bil-fors bl-istess riżultat. Dan għaliex, il-kwistjoni li għandha quddiemha din il-Qorti, finalment ukoll tirriduċi ruħha dwar

jekk għadhomx japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-imsemmija liġi speċjali trattan-dosi ta' pretensjonijiet li għandhom minn jew xebħ ma' azzjoni fil-petitorju. Fil-kawża l-oħra l-azzjoni esperita hija dik *rei vendicatoria* fis-sens klassiku tagħha, mentri f'din il-kawża hija dik li tixbaħ *actio servitutinis negatoria* li hija ukoll azzjoni fil-petitorju.

Għalhekk jibda biex jingħad li huwa minnu li *lex specialis derogat generalis.* Pero' dan huwa prinċipju li ma huwiex ġenerali fis-sens li għandu jkun applikat uniformament f'kull każ fejn jirrisulta li hemm liġi speċjali. Dan qiegħed jingħad, għaliex l-applikazzjoni ta' din ir-regola ma' għandiex issir b'għamad u ċeċita' ġuridika b'mod li jiġu injorati l-prinċipji ġenerali kollha li x'aktarx ikunu il-pedament tal-istitut ċivili partikolari, f'dan il-każ dak tal-propjeta' taħt artikoli 320 u 322 tal-Kodiċi Ċivili, li rispettivament jistabilixxu hekk:

"*Il-proprjetà hija l-jedd li wieħed igawdi u li jiddisponi minn ħwejġu bil-mod l-aktar assolut, basta li bihom ma jagħmilx użu ipprojbit mil-liġi"*

U

*"Bla ħsara ta' fejn il-liġi tgħid xort'oħra, is-sid ta' ħaġa għandu jedd jitlobha lura mingħand kull pussessur."*

Fil-fehma tal-Qorti, dawn iż-żewġ prinċipji huma l-ġebla tax-xewka tal-Istitut tal-propjeta' u huma biss derogabbli, fejn il-leġislatur univokament u espressament ma' jipprovdix xorta oħra.

Stabbiliti il-prinċipji l-aktar importanti rigwardanti il-vertenza li għandha quddiemha din il-Qorti, issa ser tgħaddi biex tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet.

Fis-Sentenza parzjali suċċitata (il-kawża għadha pendenti), l-Atturi qiegħdin jinsistu, li wieħed minn dawk li jirrisjedu fil-blokka tal-bini tagħhom arroga għalih innifsu l-propjeta' kollha ta' kamra fuq il-bejt ad esklużjoni tal-propjetarji l-oħra. Mentri f'din il-kawża, fi kliem l-istess Atturi huma ko-possessuri. Fi kliemhom stess il-konvenut "*installa pipe tal-ilma mmuntat* <u>*mal-hajt tal-partijiet komuni*</u> *u cable tal-elettriku"* (Emfażi ta' din il-Qorti). Jgħidu ukoll, għamel "*l-installazzjoni-jiet kontra r-regolamenti tas-Sahha u Sigurta*'" (Ara premessi 3 u 4 tar-rikors ġuramentat).

Artikolu tal-Kap 398 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi hekk:

*"Kemm-il darba ma jirriżultax xort'oħra mit-titolu tas-sidien tal-oqsma separati, jew sakemm ma jkunx hemm qbil mod ieħor bejn il-condomini b'att pubbliku, il-partijiet komuni ta' condominium huma dawn li ġejjin, ukoll jekk wieħed jew iżjed mill-condomini ma jagħmilx użu minnu:*

*(a) l-art li fuqha jkun mibni l-condominium, il-pedamenti, il-ħitan ta' barra,* <u>*inklużi l-ħitan diviżorji komuni mal-fondi ta' biswit, is-soqfa, ix-xaftijiet*</u>*, it-taraġ, il-bibien ta' dħul komuni, intrati, trombi tat-taraġ, btieħi, ġonna, l-arja li tiġi fuq* <u>*il-proprjetà kollha u b'mod ġenerali, kull parti oħra tal-proprjetà li għandha tintuża b'mod komuni*</u>*;*

*(b) il-partijiet li jintużaw bħala intrata u bħala kamra tal-ħasil komuni u l-partijiet li jintużaw bħala porter's, għat-tagħmir ta' central heating, u għal kull faċilità oħra li għandha għan li tintuża b'mod komuni;u*

*(ċ) id-dwal, bjar, tankijiet, akwedotti, drenaġġi, pajpijiet tal-katusi tal-ilma*<u>*, kull installazzjoni għall-ilma, gass, elettriku*</u>*, tisħin u servizzi oħra simili sa fejn dawk*

*l-istallazzjonijiet jaqsmu lejn il-proprjetà esklussiva ta' kull condominus, u kull opra, stallazzjoni u oġġett ta' kull għamla li tkun li għandhom għan li jintużaw b'mod jew għal benefiċċju komuni."* (Emfażi tal-Qorti). Di piu' artikolu 8 (3)(c) tal-liġi saħansitra jindirizza ukoll il-kwistjoni ta' xogħolijiet li jistgħu jippreġudikaw "*l-istabbiltà jew is-sigurezza tal-bini"*. Haġa li l-Atturi ukoll qiegħdin jilmentaw minnha".

Minn eżami ta' dan l-artikolu tal-Kap 398 tal-liġi għalhekk jirriżulta, li l-kwistjonijiet li qiegħdin jilmentaw minnhom l-Atturi tassew huma indirizzati minn din il-liġi. Il-Qorti tosserva li f'azzjonijiet ċivili, l-proċedura tillimita' ħafna l-inizjattivi li l-Qorti tista' tieħu minn rajha. Fost dawn, per eżempju, hemm il-ġurisdizzjoni, fejn jekk jirriżultalha illi m'għandhiex kompetenza jew ġurisdizzjoni biex tisma' kawża, l-Qorti tista' ex-officcio tqajjem din il-kwistjoni peress illi hi ta' ordni pubbliku. (ara fost oħrajn **Sentenza fl-ismijiet Xuereb -vs- Xuereb, Qorti tal-Appell tas- 27 ta' Marzu, 2003**). Daqstant hija importanti l-materja ta' kompetenza u ġurisdizzjoni.

Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma, li l-konvenut għandu raġun fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu u din il-Qorti taqbel mas-**Sentenza minnu ċitata tal-Prim'Awla Qorti Ċivili, fl-ismijiet Kevin John Vassallo et -vs- Edwin Camilleri tas-27 ta' Ġunju, 2007** fejn qalet li *"Ghalhekk il-kontendenti bhala sidien it-tnejn f'dan il-block kull wiehed kellu d-dritt li jirrikorri ghal laqgha tal-Condomini u jressaq l-ilment tieghu, u jiehdu vot jekk ghandux isir xi tibdil strutturali f'dawn il-partijiet komuni fosthom il-ftuh ta' bieb. Imbaghad jekk xi hadd minnhom ma jaqbilx*

*mad-decizjoni, jirreferi l-kaz ghal Arbitragg. Minflok ir-rikorrentiipprezentaw dina l-kawza.”*

Issa l-Kap 387 tal-liġijiet ta’ Malta fir-raba’ Skeda tiegħu, jelenka fost l-arbitraġġi mandatorji :

“*It-tilwimiet hawn iżjed ’l isfel imsemmija fit-Taqsima A għandhom jiġu determinati b’arbitraġġ u għandhom jittieħdu f’arbitraġġ taħt ir-regoli msemmija fit-Taqsima B b’żieda ma’ dawk ir-regoli li jistgħu jiġu maħruġa miċ-ċentru minn żmien għal żmien.*

*Taqsima A1.1*

*Tilwimiet dwar Condominium .*

*Kull tilwima li tirrigwarda condominium u li skont l-Att dwar il-Condominium (Kap, 398) għandha tiġi sottomessa għal arbitraġġ.”*

B’dana kollu ma jfissirx li l-konvenut għandu jkun illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Illum il-Qorti hija provvista bir-rimedju li jipprovdi l-artikolu 741(b) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta’ Malta li jiddisponi hekk:

*“L-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-qorti tista’ tingħata -(a) meta l-kawża ma tkunx ta’ ġurisdizzjoni tal-qrati ta’ Malta;(b) meta, għalkemm ta’ ġurisdizzjoni tal-qrati ta’ Malta, il-kawża tinġieb quddiem qorti diversa minn dik li għandha tieħu konjizzjoni tagħha:*

*Iżda jekk il-qorti tikkunsidra li l-eċċezzjoni hi ġustifikata, il-qorti għandha, permezz ta’ digriet in camera, li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proċeduri jiġu trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tikkunsidra li għandhom jieħdu konjizzjoni ta’ dik il-kawża:*

*Iżda wkoll jekk il-qorti, bord jew tribunal li lilhom ikunu ġew trasferiti l-atti tal-proċeduri jikkunsidraw li ma għandhomx ġurisdizzjoni biex jieħdu konjizzjoni tal-kawża lilhom trasferita, il-qorti, bord jew tribunal ieħor għandhom, fi żmien għaxart ijiem minn meta jkunu rċevew l-atti tal-proċeduri jew minn meta jkun sar l-ewwel smigħ quddiemhom, jibagħtu l-atti tal-proċeduri lill-qorti tal-appell li hi kompetenti li tieħu konjizzjoni ta' appelli minn sentenzi tal-qorti, bord jew tribunal ieħor, liema qorti għandha, fi żmien tletin ġurnata u permezz ta' digriet in camera, tiddeċiedi liema qorti, bord jew tribunal ieħor għandhom jieħdu konjizzjoni tal-kawża."* (Emfażi tal-Qorti).

Din il-parti tal-liġi ġiet introdotta b'Att XXXII tal-2008 propju biex il-kelma Qorti tkun tikkomprendi anke Tribunali. Ma hemm ebda dubbju, li din l-introduzzjoni kienet maħsuba sabiex qabel xejn issalva l-atti u anke ssir ġustizzja mingħajr telf ta' ħin u spejjeż żejda. Din il-liġi provdiet l-għodda proċedurali meħtieġa sabiex kull Qorti, u vice versa anke Tribunali, ikunu jistgħu jagħmlu ġustizzja proċedurali aktar wisa' minn dik li tradizzjonalment imdorrijin biha u sabiex l-atti ma jiġux mitfgħuha barra bi spejjeż żejda u dewmien ta' żmien.

Din il-Qorti għalhekk ma hiex ser tkun qed tilqa' dik il-parti tal-ewwel eċċezzjoni li qed jitlob l-konvenut u ċioe' li tilliberaħ mill-osservanza tal-ġudizzju. Il-Qorti ser tkun qiegħda tordna li dawn l-atti jiġu rimessi lit-Tribunal tal-Arbitraġġ kif indikat f'artikolu 2 ta' Taqsima B tal-iskeda numru 4 tal-Kap 398 tal-liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-vertenza li għandha quddiemha bil-mod segwenti:

**Decide:**

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** limitatament biss, inkwantu li din il-Qorti ma hiex kompetenti li tieħu konjizzjoni tar-rikors ġuramentat, iżda qiegħda ukoll teżerċita il-poteri konferiti lilha ai termini tal-artikolu 741(b) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta u tordna, li l-atti jiġu rimessi lit-Tribunal tal-Arbitraġġ kif indikat f'artikolu 2 ta' Taqsima B tal-iskeda numru 4 tal-Kap 398 tal-liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti qed tordna, li din is-Sentenza tinġieb a' konjizzjoni tad-Direttur u reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali u kif ukoll taċ-Ċentru Dwar L-Arbitraġġ sabiex jagħmlu dak li titlob minnhom il-liġi.

Spejjeż ta' din id-deċiżjoni a' karigu tal-Atturi.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**